



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7194/24
PV CONS 8
TRANS 123
TELECOM 101
ENER 112

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u **Enerġija**)
4 ta' Marzu 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 6866/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġiżlattiva

7072/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dawn il-punti tinsab fl-Addendum.

(b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

7075/24

Telekomunikazzjoni

1. **Regolament li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (Att dwar Ewropa Interoperabbli)**



6683/24 + ADD 1
PE-CONS 73/23
TELECOM

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-28 ta' Frar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 172 TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Ambjent

2. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)**



6684/24
PE-CONS 83/23
ENVI

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-28 ta' Frar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Affarijiet Ġenerali

3. **Deċiżjoni għal għoti tas-setgħa lil Franza biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim mar-Renju Unit rigward il-Kollegament Fiss tal-Kanal**  6849/24
PE-CONS 91/23
UK
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-28 ta' Frar 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 91 TFUE).

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Is-sigurtà tal-provvista u t-tħejjija għax-xitwa li jmiss 6564/24 + COR 1
2024-2025: is-sitwazzjoni attwali
Skambju ta' fehmiet
4. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni (*)  6619/1/24 REV 1
tal-miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass
Qbil politiku
5. Il-flessibbiltà, għodda ewlenija biex tinkiseb it-tranżizzjoni 6567/24
tal-enerġija
Skambju ta' fehmiet

Affarijiet oħra

- | | | | |
|----|----|--|---------|
| 6. | a) | Is-sitwazzjoni tal-enerġija fl-Ukrajna ¹
<i>Informazzjoni</i> | 7006/24 |
| | b) | Is-sitwazzjoni attwali f'termini tal-progress li sar mill-Istati Membri bil-ħsieb li jintlaħqu l-miri tal-2030 għall-enerġija u l-klima
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> | 7124/24 |
| | c) | L-impatt tat-tariffa tan-newtralità għall-ħżin tal-gass u l-ħtieġa għal koordinazzjoni aħjar fil-livell Ewropew
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka, Ċeka, Ungeriża u dik Slovakka</i> | 6932/24 |
| | d) | Appell għal azzjoni legali urġenti biex titwaqqaf l-importazzjonital-LNG mir-Russja ġewwa l-UE
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana</i> | 7040/24 |

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

(*) Punt li jista' jintalab vot dwaru

¹ Preżentazzjoni mill-Ministru għall-Enerġija tal-Ukrajna.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-PUNTI LEĠIŻLATTIVI "A" LI JINSABU

FID-DOKUMENT 7075/24

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Regolament li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (Att dwar Ewropa Interoperabbli)
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Fi spirtu ta' kompromess ġenerali, l-Awstrija tapprova l-Att dwar Ewropa Interoperabbli.

Madankollu, aħna ninnutaw li t-test, li ħareġ bħala r-riżultat ta' kompromess politiku, ma neħħiex it-tħassib sinifikanti tal-Awstrija dwar il-protezzjoni tad-data. Dan it-tħassib jirrelata b'mod partikolari mal-punti li ġejjin:

- L-Artikolu 12(6) jipprevedi awtorizzazzjoni ġenerali, indiskriminata u orizzontali għall-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data, din id-dispożizzjoni hija vaga wisq u għalhekk ma tistax tikkostitwixxi bażi legali għall-ipproċessar tad-data. L-użu mill-ġdid ta' data personali miġbura għal skop speċifiku għal skopijiet li m'għandhom l-ebda konnessjoni sostantiva jew formali mal-għan inizjali bl-ebda mod ma huwa prevedibbli għas-suġġett tad-data. Sal-punt li d-dispożizzjoni hija maħsuba biex tkun forma ta' użu mill-ġdid li hija "kompatibbli" fit-tifsira tal-Artikolu 6(4) tal-GDPR, għandu jiġi nnutat li l-Artikolu 12(6) ma jikkostitwixxix miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika biex jiġu ssalvagwardjati l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1) skont l-Artikolu 6(4) tal-GDPR. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni ma tiddistingwix bejn kategoriji speċjali ta' data personali skont l-Artikolu 9(1) GDPR u data personali oħra. Fil-fehma tal-Awstrija, l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali mhuwiex permissibbli fuq il-bażi tal-Artikolu 6(4) tal-GDPR u jmur kontra l-valutazzjoni tar-riskju li tinfed il-GDPR.
- Barra minn hekk, l-Artikolu 12(6) jinjora kompletament il-prinċipju tal-protezzjoni tad-data tal-minimizzazzjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1), il-punt (c), tal-GDPR, minħabba li la l-ambitu u lanqas il-kategoriji tad-data personali potenzjalment ipproċessata f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja ma huma b'xi mod limitati.
- Kuntrarjament għall-Artikolu 5(1), il-punt (e), tal-GDPR, it-test ma jipprevedix perijodu massimu ta' żamma għal data personali f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja. Barra minn hekk, peress li mhu stipulat l-ebda perijodu massimu ta' awtorizzazzjoni għal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, id-data personali li tinsab fihom hija aċċessibbli b'mod permanenti u tista' tiġi pproċessata b'mod permanenti għal perijodu ta' żmien illimitat."